MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 1/2004

**Joseph Debono**

**vs**

**Phonica Systems Ltd.**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Dicembru, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fit-18 ta' Ottubru 2002 fejn ir-rikorrenti talab li jinghata l-flus lura li hallas ghal mobile phone, il-prezz ta' mija u hamsa u tletin Lira Maltin (Lm135) peress li wara ftit zmien li gie kkonsenjat hariglu difett.

L-intimat ma pprezentax Risposta ghal din it-talba pero` attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema’ x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema’ lill-Intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwnti:-

1. Ir-Rikorrenti xtara mobile phone ghall-prezz ta’ mija u hamsa u tletin Lira Maltin (Lm135) minghand id-ditta Ntimata u kien qed juzah. Pero` wara ftit kellu difett tant li ma setax jibqa’ juzah.

2. L-Intimat ma ssottomettiex Risposta minkejja li kien notifikat pero` rrisponda verbalment irrisponda li ma kien hemm ebda difett u li t-tort kien tar-Rikorrenti peress li dahallu l-ilma.

3. It-Tribunal ordna lill-Intimat jiftah il-Mobile phone quddiemu fejn innota li ma kien hemm ebda sadid.

Ghal dawn il-motivi:-

It-Tribunal tilqa’ it-talba tar-rikorrenti u jordna lill-Intimat ihallas l-ammont ta’ mitt Lira Maltin (Lm100) bl-ispejjez kontra l-istess Intimat b’dan illi l-Mobile Phone jigi proprjeta tal-Intimat.”

Is-socjeta` konvenuta hassitha aggravata b’din id-decizjoni u bl-appell odjern talbet ir-revoka taghha. Il-kritika taghha fil-konfront ta’ din id-decizjoni hi mpernjata fuq zewg gravi ewlenin, u cjoe, dak li ma nghatatx l-opporunita` tiddefendi ruhha b’mod xieraq, u l-konstatazzjoni zbaljata u inadegwata ta’ l-arbitru fir-rigward tal-mobile phone meritu tal-kawza.

Ghal dawn l-aggravji l-appellat irribatta li s-socjeta` appellanti giet debitament notifikata kemm bl-avviz promotur kif ukoll bl-avviz tas-smiegh, tant li

rapprezentant taghha deher fil-proceduri, wiegeb verbalment ghat-talba u ghamel il-provi u sottomissjonijiet tieghu. Kwantu ghall-aggravju fil-meritu, l-istess appellat insista li l-mobile phone vendut lilu kien difettuz u mhux adatt ghall-uzu ntiz.

Huwa indubitat illi l-ewwel aggravju, jekk jirrizulta sostenut, dan wahdu jkun bizzejjed biex jinficja u jirrendi nulla d-decizjoni. Dan, anke ghaliex, kif pacifikament ricevut, ukoll quddiem tribunali kwazi gudizzjarji ghandhom jitharsu l-principji fundamentali tal-gustizzja naturali. L-inosservanza taghhom fil-fatt iggib b'konsegwenza l-irritwalita` tal-proceduri u n-nullita` tas-sentenza. Indiskutibilment, in-nuqqas ta' notifika ta' l-atti twassal ghal dik il-vjolazzjoni ta' wiehed mill-principji suddetti in kwantu l-parti konvenuta ma tkunx inghatat l-opportunita` li tiddefendi ruhha kontra l-pretiza tal-parti l-ohra. Hi proprju din l-allegata lezjoni tal-principju li tifforma l-bazi tal-aggravju principali ta-socjeta` appellanti.

Effettivament dan l-aggravju hu lineari mad-dritt ta' l-appell lil din il-Qorti konsentit lill-parti sokkombenti mid-decizjoni tat-Tribunal. Dan in tema ghal dak dettat fl-Art. 22(2) ta' l-Att XXVIII ta' l-1994 dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap 378). Jinsab difatti preskritt illi appell lil din il-Qorti "jista' jsir <u>biss</u> meta t-Tribunal ikun mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali, u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b'mod gravi l-jeddijiet ta' min jappella".

Opportunement qabel kull indagini ta' l-inkartament quddiem it-Tribunal adit tajjeb li jigi ribadit ghall-ahjar istruzzjoni u ezami tal-aggravju illi l-principji tal-gustizzja naturali jikkomprendu, kif saput, iz-zewg regoli tradizzjonali "nemo judex in causa propria" u "audi alteram partem". Ma' l-ewwel regola hu allaccjat il-principju notorju tal-imparzjalita` u allura tan-necessita` li mhux biss issir gustizzja imma anke li jkun jidher manifest li gustizzja qeghda ssir (Ara "**Avv. Dr. Antonio Caruana -vs- Caterina Gerada**", Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Ottubru 1968). Fil-kaz tat-tieni regola din solitament tabbraccja kwalsiasi materja ta' "fair hearing" u tal-principju ta' "equality of arms" ("**Antonio Sammut -vs- John Belle**

**McCance**", Prim'Awla, Qorti Civili, 29 ta' Mejju 1946). Dan mhux biss pero`. Fi zmenijiet pjuttost recenti gie ulterjorment zviluppat il-principju ta' l-ghoti tar-raguni ossija tal-motivazzjoni adegwata fid-decizjoni ("**Alfred Sant noe -vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni**", Appell, 4 ta' Marzu 1992).

Eliminata kwalsiasi referenza u konsiderazzjoni ta' xi ksur tar-regola ta' l-imparzjalita`, hu l-kaz li l-ezami tal-allegata vjolazzjoni tar-regola l-ohra ta' gustizzja naturali ghandu jsir fil-kwadru tal-ispjegazzjoni appena accennata.

Mill-atti processwali jidher evidenti li s-socjeta` appellanti, kuntrarjament ghal dak allegat fir-rikors ta' l-appell, giet debitament notifikata bl-avviz introduttiv fid-29 ta' Novembru 2002. Dan jirrizulta mill-firma ta' Paul Scerri fuq il-pink card (fol 4). L-istess Paul Scerri issottoskriva wkoll il-pink card attestanti n-notifika lilu fis-26 ta' April 2003 tal-avviz tas-smiegh tas-seduta quddiem it-Tribunal. Effettivament ukoll, kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tas-17 ta' Lulju 2003 s-socjeta` appellanti, permezz tar-rapprezentant taghha, kienet dehret quddiem it-Tribunal f'dik is-seduta, esebiet id-dokument a fol 11 konfermanti n-non riparabilita` tal-mobile, u ghamlet is-sottomissjonijiet taghha.

Minn dan s'issa premess ma jistghax allura jigi ragonevolment dezunt illi s-socjeta` appellanti ma gietx akkordata smiegh xieraq jew ma nghatatx l-opportunita` li tipprezenta l-kaz taghha u tiddefendi ruhha. Rigwardata allura l-materja minn din l-ottika ma jirrizultax li proceduralment twettaq, di fronte ghas-socjeta` appellanti, xi ksur tal-principju ta' gustizzja naturali fis-smiegh tal-kawza. Raggunta din il-konkluzjoni mhux il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha fl-aspett tal-pregudizzju b'mod gravi tal-jeddijiet tas-socjeta` appellanti ghax dan, in vista tal-abbinament li taghmel l-istess ligi mad-dettami tal-gustizzja naturali, hu mill-atti eskluz.

Konsiderat il-punt mill-aspett tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata din il-Qorti ssib li l-gudizzju jipprovdi s-sodisfazzjoni minimu tar-raguni li wasslet lill-arbitru ghad-

decizjoni tieghu. Anke jekk mhux elaborata din il-motivazzjoni kienet tibbasta biex tissodisfa r-regola bazika tal-gustizzja naturali. Dan ghaliex, fil-fehma tal-Qorti, giet fornita r-raguni l-ghala t-Tribunal kien qed jilqa' t-talba tal-appellat. Wiehed jista' ma jikkondividiex din ir-raguni imma dan ma jfisserx illi l-element ta' motivazzjoni bazika li s-socjeta` appellanti kellha dritt ghaliha ma nghatax.

Kif osservat fis-sentenza fl-ismijiet "**Johann Camilleri -vs- Ronald A. Cachia, Phoenicia Laundry and Dry Cleaning**", Appell, 27 ta' Mejju 1999, "it-Tribunal ghamel l-apprezzament tieghu, u tajjeb jew hazin, din il-Qorti ma tistax tissindikah hlief jekk jirrizultalha li effettivament kienet saret it-tip ta' vjolazzjoni ta' gustizzja naturali li ghalihom tirreferi l-ligi".

Minn dak rilevat supra tali vjolazzjoni ma gietx provata li saret, u allura, fic-cirkostanzi, din il-Qorti hi prekluza mil-ligi li tindaga fuq l-apprezzament li ghamel it-Tribunal u fuq il-fondatezza tal-argomentazzjoni tieghu relattiv ghall-meritu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma tistax hlief tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, spejjez ghas-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------